MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 607/2003/1

**Carmelo Cini**

**vs**

**Joseph Cini**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Ottubru, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' hames t'elef lira Maltin (Lm5,000) ghas-saldu ta' prezz ta' 'shares' li huwa akkwista minghand l-attur.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ghandiex tikkundannah ihallas is-somma ta’ hames t’elef lira Maltin (Lm5,000) kif intqal.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. In linea preliminari, l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Dwar il-mertu, l-eccipjent mhux debitur ta’ l-attur;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat il-verbal ta’ l-1 ta’ Gunju, 2005, fejn id-difensuri kollha tal-kontendenti ddikjaraw illi ghal kull buon ghall-provi f’din il-kawza qed jaghmlu riferenza ghall-provi kollha li ngiebu u ser jingiebu fil-kawza bin-numru ta’ l-Avviz 606/03 DM fl-ismijiet "Carmelo Cini –v- John Cini" fuq il-lista ta’ dak inhar.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghalkemm mid-dicitura li ntuzat fl-Avviz ma jirrizultax mill-ewwel fuq x’hiex hija bbazata l-allegazzjoni attrici illi l-konvenut huwa debitur ta’ l-attur fis-somma ta’ hames t’elef lira Maltin (Lm5,000) ghas-saldu tal-prezz tax-‘shares’ li huwa akkwista minghand l-istess attur, mill-provi prodotti, kif ukoll mit-trattazzjoni tal-punti legali, jirrizulta illi l-allegazzjoni attrici hija bbazata fuq it-transazzjoni tat-3 ta’ Settembru, 2003, (Dok. ‘GMB 2’ a fol.26 tal-process).

Dan mhux biss huwa kkonfermat fid-deposizzjoni ta’ l-Emeretus Prim Imhallef Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici, izda jirrizulta defenittivament ukoll mill-ittra ta’ l-istess Imhallef lill-Avukati tal-konvenut u hutu ta’ l-4 ta’ Settembru, 2003, (li bi zball kienet giet datata 4 ta’ Awissu, 2003), li tinsab esebita a fol. 25 tal-process Dok. ‘GMB 1’.

Ghalhekk skond it-talba attrici l-ammont mitlub fl-Avviz sar dovut fit-3 ta’ Settembru, 2003, u din hija d-data krucjali li minnha tibda’ tiddekorri l-preskrizzjoni.

Huwa ghal kollox irrelevanti l-meritu tal-kwistjoni li dwara saret it-transazzjoni, ghaliex il-kreditu allegat ta’ l-atturi ma huwiex direttament derivanti mill-kwistjoni li giet transatta (f’dan il-kaz trasferiment ta’ l-ishma fil-kumpanija li saret mill-attur lill-konvenut) izda hija derivanti direttament mill-att ta’ transazzjoni li fil-fatt jaghti tmiem ghall-kwistjoni li l-partijiet kellhom fi hsiebhom biex it-titolu tal-kreditur jibqa’ gej biss mill-kuntratt ta’ transazzjoni.

Bl-ewwel (1) eccezzjoni tieghu wara n-notifika bl-Avviz korrett, il-konvenut issolleva l-preskrizzjoni ta’ hames (5) snin kontemplata fl-Artiklu 2156 (f) tal-Kodici Civili u billi bejn it-3 ta’ Settembru, 2003, u l-10 ta’ Dicembru, 2003, id-data tal-prezentata ta’ dan l-Avviz ma ghaddewx hames (5) snin din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Fil-mertu, jirrizulta mill-provi u mit-trattazzjoni tal-kawza illi l-konvenut qed isostni li mhux debitur ta’ l-attur mhux ghaliex ma jaccettax li effettivament saret l-iskrittura tat-3 ta’ Settembru, 2003, izda ghaliex huwa jsosstni li fiz-zmien li ntlahaq il-ftehim u giet ipperfezzjonata l-iskrittura tat-3 ta’ Settembru, 2003, huwa ma kienx ghadu qed isosstni l-offerta maghmula precedentement u li, jekk kien awtorizza lil Dr. Simon Tortell jaghmel l-offerta xhur qabel, huwa kien irtira din l-offerta mat-trasferiment ta’ l-ishma tieghu lil huh u zgur ma kienx ta lil Dr. Simon Tortell l-awtorita’ biex jirraprezentah u jidher ghalih fil-kuntratt ta’ transazzjoni tat-3 ta’ Settembru, 2003.

F’dan il-kaz m’hemmx lok li wiehed jaghmel xi riferneza ghall-prezunzjoni ta’ prokura tacita’ mill-klijent lill-Avukat tieghu u dana peress proceduri gudizzjarji kienu ghadhom ma gewx intavolati u kemm Dr. Simon Tortell u kemm l-attur u d-difensur tieghu kienu jafu li l-konvenut kellu Avukat iehor jirrapprezentah bhala l-Avukat ta’ fiducja tieghu u dan ma kienx Dr. Simon Tortell.

Ghalhekk il-prova rikjesta mill-attur biex il-kuntratt ta’ transazzjoni jista’ jorbot lill-konvenut, hija dik li twassal ghall-konferma li Dr. Simon Tortell fit-3 ta’ Settembru, 2003, kien qed jidher ghall-konvenut b’awtorizzazzjoni specjali u li l-konvenut kien ghadu jsosstni tali awtorizzazzjoni u japprova l-agir tal-prokuratur.

Fejn jaqbel kullhadd huwa dwar il-fatt li f’xi zmien bejn Frar u April, 2003, it-tlett (3) ahwa Cini flimkien ma’ l-Avukati rispettivi taghhom kienu qablu li jaghmlu offerta ta’ hlas ta’ hames t’elef lira Maltin (Lm5,000) lill-attur f’tentattiv ta’ transazzjoni tal-pendenza li kellhom ma’ l-istess attur u biex iwassal tali offerta lill-attur kienu nkarigaw lil Dr. Simon Tortell.

Jirrizulta ukoll illi kellhom interess jaslu ghal tali transazzjoni sabiex ma jisfrattax it-trasferiment intiz ta’ l-ishma fil-kumpanija ‘Carmelo Cini & Sons Limited’ li l-konvenut kien mifthiem li jaghmel lil huh Louis Cini.

Izda wara li Dr. Simon Tortell wassal l-offerta lill-attur, il-konvenut ma kien irceva ebda accettazzjoni ta’ tali offerta u nfatti, billi t-transazzjoni ma sehhietx, biex seta’ jasal ghat-trasferiment ta l-ishma lil huh, kellu jaccetta illi jaghmel tajjeb ghal dak kollu li jista’ jsofri l-kompratur f’kaz li l-pretensjoni li kellu l-attur dak iz-zmien, rigward it-titolu pretiz ghall-ishma fl-istess kumpanija, kellha tigi gudizzjarjament akkolta.

Fil-kuntratt tat-trasferiment ta’ l-ishma mill-konvenut lill-huh Louis Cini gie pattwit hekk:

“*The Vendors undertake to keep the Purchasers free and harmless against any action, claim or demand which may*

*be made by Carmelo Cini, bearer of Identity Card Number 043817 (M), or any of his heirs, legatees or assignees in title, in respect of any claim which may be directed at anytime hereafter against the Purchasers or the Vendors or both in respect of the Vendors' title to the Shares, and to indemnify the Purchasers against any resultant damages, costs or other payments they may incur as a result of such action, claim or demand – provided that the indemnity being given by each of the spouses Joseph and Josephine Cini and the spouses John Mary and Marlene Cini will decrease proportionately or lapse in the event that the Purchasers transfer all or part of the Shares in the Company or otherwise in the event that the Purchasers have suffered a final and absolute judgement without having made the Vendors a party to the lawsuit and granted the Vendors the opportunity to defend the claim.*"

Billi huwa accettat anke minn Dr. Simion Tortell li l-offerta ghall-transazzjoni saret minhabba biza li l-attur seta' jwaqqa' it-trasferiment ta' l-ishma jsegwi li, wara li sar tali trasferiment f'Mejju, 2003, l-ahwa Cini, li dejjem sostnew li l-pretensjoni ta' l-attur dwar l-ishma fil-kumpanija kienet bla bazi u la ma kellhom jaghtuh xejn, allura ma kellhom ebda nteress ulterjuri f'tali transazzjoni.

Infatti dan jispjega ukoll ghaliex, minnflok xi riferenza ghal xi tentattiv ta' transazzjoni pendenti, fil-kuntratt ta' trasferiment ta' l-ishma mill-konvenut lil huh giet pattwita biss garanzija ghad-danni rizultanti f'kaz li kellha tigi akkolta gudizzjarjament il-pretensjoni ta' l-attur dwar l-ishma trasferiti u ma saret ebda referenza ghat-tentattiv ta' transazzjoni li kien sar qabel ma sehh dan it-trasferiment.

Dan il-fatt ukoll idghajjef l-allegazzjoni ta' Dr. Simon Tortell li l-Avukat ta' l-attur kien accetta l-proposta ta' transazzjoni qabel ma gie ffirmat it-trasferiment ta' l-ishma mill-konvenut lil huh.

Tajjeb li jinghad ukoll hawnhekk illi x-xhieda l-ohra kollha, komprizi l-Emeritus Prim' Imhallef Giuseppe Mifsud Bonnici, jichdu li tali accettazzjoni saret qabel dak it-

trasferiment; infatti l-Imhallef Giuseppe Mifsud Bonnici ipoggi d-data ta' l-accettazzjoni verbali ghall-habta ta' Gunju jew Lulju, 2003, u jiddikjara "*li ghaddew xaharejn minn meta jien accettajt l-offerta ta' Dr. Simon Tortell u d-data tat-transazzjoni bil-miktub*".

Ghalhekk meta l-konvenut huwa assigurat li l-offerta tieghu ma kienitx accettata, meta diga' trasferixxa l-ishma lil huh u meta dahal ghall-garanzija f'kaz li tirnexxi l-pretensjoni ta' l-attur, wiehed ma jistax jikkonkludi li l-konvenut kien konxju b'xi transazzjoni li kienet ser tigi miftiehma jew li kien interessat fiha u wisq inqas ma jista' jinftiehem li l-konvenut wara li awtorizza lil Dr. Simon Tortell jaghmel l-offerta issa awtorizzah specifikament biex jiffirma ghan-nom tieghu l-kuntratt ta' transazzjoni tat-3 ta' Settembru, 2003.

F'dan il-kuntest ghandu ukoll rilevanza kbira dak li xehed l-Imhallef Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici fejn ikkonferma illi "*Dr. Simon Tortell kien informani illi l-ahwa l-ohra (Joseph u John) kienu qed joggezzjonaw ghall-hlas qabel ma saret l-iskrittura tat-3 ta' Settembru pero' definittivament wara t-3 ta' Lulju, 2003.*" (fol. 22).

Ghalhekk il-preponderanza tal-provi tindika li la l-konvenut u lanqas huh ma kienu awtorizzaw lil Dr. Simon Tortell biex jibqa' ghaddej bit-trattattivi dwar it-transazzjoni u wisq inqas illi jikkonkludi tali transazzjoni u jiffirma t-transazzjoni ghan-nom taghhom.

Infatti huwa importanti li wiehed izomm quddiem ghajnejh li fi zmien qabel ma sar it-trasferiment ta' l-ishma mill-konvenut lill-huh Louis Cini, it-tlett ahwa Cini kellhom interess komuni u reciproku fit-transazzjoni ma missierhom biex jevitaw kull ostakolu ghat-trasferiment intiz; izda wara li sehh tali trasferiment l-interess fit-transazzjoni kien iktar ta'l-issa kompratur azzjonista Louis Cini, assistit mill-Avukat ta fiducja tieghu Dr. Simon Tortell (li fil-fatt hallas is-somma ta LM5000 miftiehema mill-Avukat tieghu dak inhar stess li giet iffirmata t-transazzjoni), milli ta' l-ahwa John u Joseph Cini li ma kellhomx iktar konnessjoni ma'l-kumpanija Carmelo Cini &

Sons Ltd. Infatti mhux biss kellhom interess inqas fit-transazzjoni izda sahansitra, kif rrizulta, ma kellhom xejn interess fit-transazzjoni u ma kellhom ebda hsieb ulterjuri li jhallsu xi flus lill-missierhom. Ghalhekk meta l-interess ta tlett ahwa ma baqghax l-istess u komuni, Dr. Tortell, l-Avukat ta Louis Cini bissi, ma setghax jibqa jippretendi li kellhu xi awtorizzazzjoni tacita mill-ahwa l-ohra li jibqa jirrapresentahom ukoll.

Ghaldaqstant ma jirrizultax illi Dr. Simon Tortell kien inekwivokament awtrorizzat sabiex jikkonkludi u jiffirma l-iskrittura tat-transazzjoni tat-3 ta’ Settembru ghan-nom tal-konvenut Joseph Cini u huh John u ghalhekk tali skrittura ma torbotx lill-konvenut u fil-konfront tieghu ghandha titqies bhala *res inter alios acta* u konsegwentement il-Qorti qieghda tichad it-talba ta’ l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-attur.”

L-attur iqanqal dawn l-obbjezzjonijiet kontra s-sentenza appellata ta’ l-ewwel Qorti. L-ewwel nett illi dik il-Qorti ghamlet apprezzament inkorrett tal-fatti. Fit-tieni lok, illi l-iskrittura ta’ transazzjoni tat-3 ta’ Settembru 2003 kellha titqies li kienet torbot lill-konvenut. Ghar-rigward ta’ din l-kwestjoni l-appellanti jirrikjama l-attenzjoni ghall-effetti legali ta’ l-offerta u ta’ l-accettazzjoni;

Bi twegiba ghal dawn l-obbjezzjonijiet il-konvenut jissottometti dan li gej:-

i. Li l-offerta minnu maghmula saret bla pregudizzju;

ii. Ll sal-mument li gie konkjuz it-trasferiment ta’ l-ishma minnu lil huh Louis Cini f’ Mejju 2003, dik l-offerta tieghu ma kienetx ghadha giet accettata;

iii. Anzi, isostni wkoll, illi sa meta sehh it-trasferiment imsemmi kemm l-offerta kif ukoll l-awtorizzazzjoni lill-Avukat Dottor Simon Tortell kienu gew irtirati. Huwa jispjega dan bil-fatt tal-garanzija li kien assuma fuq il-kuntratt ta’ trasferiment;

iv. Konsegwentement, l-iskrittura tat-3 ta' Settembru 2003 ma kkrejat ebda stat fil-konfront tieghu;

Fermi dawn l-aggravji u r-risposta ghalihom, din il-Qorti mhix ser toqghod hawn tirrepeti l-kunsiderazzjonijiet maghmula minnha fir-rigward ta' l-elementi kostitutivi tal-kuntratt ta' transazzjoni li gew trattati fil-kawza "Carmelo Cini -vs- John Cini" (Avviz Nru. 606/03) li ma' din prezenti kienet miexja. Tillimita ruhha ghall-fatti tal-kaz u ghall-kuncetti guridici ta' l-offerta u ta' l-accettazzjoni;

Ghal dawk li huma l-fatti sostanzjali li taw lok ghal din il-kawza dawn qed jigu esposti kif gej:-

(1) Bejn l-ahwa Cini, azzjonisti tal-kumpanija C. Cini & Sons Ltd, insorgiet disputa li huma xtaqu jirrisolvu permezz ta' trattattivi. Fil-kors ta' dawn it-trattattivi l-attur ressaq pretensjoni ghall-hlas ta' l-ishma li hu kien ittrasferixxa lil uliedu fl-1977. Dan ghamlu permezz ta' l-Avukat Dottor Lynn Zahra (ara xhieda ta' Dr. Norval Desira, fol. 38) u aktar tard tramite l-Professur Dottor Giuseppe Mifsud Bonnici bl-ittra ta' dan tat-13 ta' Frar 2003 (fol. 30) lill-konsulenti legali tat-tlett ahwa;

(2) Hu accettat mill-Avukati Dottor Simon Tortell u Dottor Norval Desira, rapprezentant legali tal-konvenut, illi, bl-iskop li tigi rizoluta l-kwestjoni ma' l-attur, issir offerta lil dan ta' hamest elef lira (Lm5000) minn kull wiehed mill-ahwa. Fix-xhieda tieghu traskritta fil-kawza l-ohra l-konvenut, *ex admissis*, jaccetta wkoll li hu aderixxa ma' din il-proposta, "biex naqta' din il-kwestjoni" u "biex ma jkolli ebda ntopp ghat-trasferiment tax-*shares* lil hija". Huwa jammetti wkoll illi ghal dan il-fini nkariga lill-Avukat Dottor Simon Tortell biex dan jitratta din il-pendenza mal-Professur Giuseppe Mifsud Bonnici;

(3) Jinghad mill-Avukat Tortell illi din l-offerta tressqet minnu u giet accettata verbalment mill-kontro-parti qabel it-trasferiment ta' l-ishma. Bil-miktub din l-accettazzjoni saret bl-ittra tat-3 ta' Lulju 2003. L-imsemmi

xhud jiddikjara wkoll illi l-garanzija sottoskritta mill-konvenut fuq l-att tat-trasferiment ta' l-ishma giet introdotta "*to make assurance doubly sure*" f' kaz li l-attur jattakka l-validita` tat-trasferiment li kien ghamel fl-1977. Bil-kontra, il-konvenut jistqarr li Dr. Tortell kien qallu li l-offerta ma gietx accettata u kien ghalhekk li saret il-garanzija. Hekk ukoll jiddikjara l-Avukat Dr. Norval Desira (ara deposizzjoni tieghu a fol. 37), li jzid jizmentixxi lil Dr. Tortell fejn dan tenna li qabel ix-*share transfer* kien qallu li l-offerta kienet giet accettata (fol. 47);

(4) Dan l-ahhar xhud imsemmi jghid ukoll illi wara t-trasferiment ta' l-ishma, l-Avukat Tortell ma kienx awtorizzat li jkompli jinnegozja mal-kontroparti ghan-nom tal-klijent tieghu. Jaccetta pero` li hu qatt ma qal lil Dr. Tortell biex jieqaf jaghmel l-offerta. L-ispjega moghtija minnu hi dik li hu dejjem fehem li la darba saret il-garanzija din kienet tissostitwixxi l-offerta li kienet saret mill-klijent tieghu bla pregudizzju;

(5) Ghal kompletezza jrid jinghad illi skond ma xehed il-Professur Giuseppe Mifsud Bonnici bejn id-data tat-transazzjoni tat-3 ta' Settembru 2003 u l-accettazzjoni da parte tieghu ta' l-offerta kienu ghaddew xahrejn (fol. 25);

Mill-premessi fatti jidher li huwa lecitu li jinghad b' deduzzjoni illi:-

1. Kienet saret offerta mill-konvenut appellat tendenti ghar-rizoluzzjoni tal-pretiza ta' l-attur;

2. Li din l-offerta ma kienet marbuta b' ebda kondizzjoni jew terminu ghall-accettazzjoni taghha;

3. Li l-Avukat Dottor Simon Tortell kien inkarigat mill-konvenut biex iwassal din l-offerta;

4. Li din l-istess offerta qatt ma giet revokata u hekk ukoll qatt ma gie rtirat il-mandat konferit lill-imsemmi Avukat Tortell;

5. Li l-offerta, kif maghmula, giet accettata, u konsegwita minn att ta' transazzjoni;

L-ewwel Qorti rragunat li s-soluzzjoni tal-kwestjoni fil-kaz in ezami kienet tiddependi mill-interpretazzjoni tal-patt tal-garanzija inserit fil-kontrattazzjoni tat-trasferiment ta' l-ishma mill-konvenut lil huh Louis Cini f' Mejju 2003. Hi ssostni illi wara li sehh it-trasferiment imsemmi, il-konvenut ma kienx ghad baqalu interess fit-transazzjoni mal-missier u allura, mankanti dan l-interess, l-Avukat Tortell ma setax jibqa' jippretendi li kellu xi awtorizzazzjoni tacita li jissokta jirrapprezenta lill-konvenut;

Il-kwestjoni kif impustata mill-appellanti hi li l-ewwel Qorti ma ghamletx gudizzju sew tal-fatti. Huwa jikkontendi qabel xejn illi l-att tat-trasferiment tax-*shares* kien ghalih "*res inter alios acta*" u, f' kull kaz, il-garanzija, korrettement intiza, kienet mahsuba biex tassikura kontra l-pretensjoni tieghu u tkopri ghal din l-eventwalita`;

Kif tara din il-Qorti, anke fuq il-bazi ta' dawk l-elementi aktar 'il fuq senjalati, indipendentement minn jekk l-accettazzjoni saretx qabel il-konkluzjoni tat-trasferiment ta' l-ishma jew wara, u ndipendentement ukoll mill-portata tal-garanzija, dak li huwa cert hu li saret offerta valida, debitament accettata, li din twasslet lill-kontroparti mill-Avukat Tortell u li dan, nonostante t-transfer finali ta' l-ishma, ma giex imwaqqaf milli jipprosegwixxi biex jikkonkludi t-trasferiment. Bir-rispett dovut x' haseb jew ma hasebx l-Avukat Desira dwar ir-rilevanza tal-garanzija in sostituzzjoni ta' l-offerta hu ghal kollox aljen ghall-interess konsegwit mill-appellanti, kif hekk ukoll hu tabilhaqq "*res inter alios acta*" ghall-appellant il-kuntratt tat-trasferiment tax-*shares* li fih hu ma kienx kompartecipi;

M' hemmx kwestjoni illi l-offerta li saret hi wahda ben identifikata u li ma jidherx li kienet subordinata, hlief forsi

ghall-accettazzjoni taghha mill-kontro-parti. *Qua* espressjoni ta’ volonta` dik l-offerta hi karatterizzata mill-intenzjoni, oggettivament rikonoxxibbli, li l-appellat ried jimpenja ruhu ghas-soluzzjoni tal-kontroversja ma’ l-attur missieru. Una volta accettata, dik l-offerta hekk maghmula, takkwista l-effikacja taghha u tikkomporta vinkolu ghal minn jaghmilha. Dan kollu hu rakkjuz fl-enuncjazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni riportata a **Vol. XXVIII P I p 629** li tghid li “*l’ offerta, perche possa essere impegnativa appena vi sia la relativa accettazione, deve essere preciza e determinata, e cosi dimostrativa dell’ intenzione dell’ offerente di ritenersi vincolato da qualsiasi valida accettazione*”;

Tradott dan kollu ghal kaz in ezami ma jistax ikun dubitat illi l-konvenut avvanza l-offerta tieghu u rrimettiha ghall-volonta` tal-kontroparti. Dan hu hekk ammess u accettat minnu. Tali offerta kellha titqies logikament li kienet tippresupponi l-volonta` tieghu li hu ried jimpenja ruhu kontrattwalment ma’ l-attur. Din il-volonta` tieghu giet pervenuta lid-destinatarju fil-persuna tal-Professur Giuseppe Mifsud Bonnici tramite Dr. Simon Tortell li lilu kien affidat il-mandat ghal daqshekk. L-accettazzjoni kienet konformi ghal dik l-istess offerta u, in kwantu tali, dik l-offerta saret guridikament vinkolanti;

Minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-konvenut ma kienx bihsiebu jmantni l-offerta minnu maghmula tant li mill-atti ma jirrizulta ebda accenn ghal xi revoka taghha jew, dak li hu forsi aktar importanti, li twasslet xi revoka bhal din lil kontroparti. Revoka din li kienet titqies perfezzjonata, u allura kapaci li tircievi l-effetti guridici taghha, kieku twasslet lill-kontroparti qabel il-konkluzjoni tal-ftehim. Pjuttost il-kontra hu l-kaz hawnhekk. Ibda biex hemm il-konfessjoni skjetta tar-rapprezentant legali ta’ l-appellat illi huwa qatt ma dderiega lill-Avukat Tortelli milli jieqaf jaghmel l-offerta. Fuq kollox, l-intendiment li l-garanzija kienet qed isservi bhala sostituzzjoni ta’ l-offerta la tista’ tammonta bhala xi forma ta’ irtirar tal-mandat u wisq anqas li hu kien qed jirrecedi mill-offerta. L-intent

negozjali originarju ta’ l-appellat, debitament trasmess lill-attur, ossija lill-agent tieghu bil-poter tar-rapprezentanza ghalih, ma jidherx li qatt gie offuskat minn xi imgieba jew minn xi intent divers manifest. Jekk, kif irragunat l-ewwel Qorti, l-appellat ma kienx ghad baqalu interess, *ex-post* it-trasferiment minnu ta’ l-ishma lil huh, dak li kien ragonevolment mistenni mill-appellat kien li dan jassikura li dan in-nuqqas ta’ interess tieghu jipperveni lill-attur bi kwalsiasi mod. Dan l-impenn hu naqas li jadempih u allura ma jistax jinghad li l-offerta tieghu, jew il-kunsens minnu moghti b’ dik l-offerta, sfumaw fix-xejn u *sic et sempliciter* bis-sahha interpretativa li hu ghogbu jaghti lill-garanzija apportata ghall-kuntratt tat-trasferiment ta’ l-ishma f’ Mejju 2003;

Taht dan il-profil il-qaghda tal-konvenut odjern hi ghal kollox diversa minn dik tal-konvenut l-iehor huh fil-kawza l-ohra. B’ din l-interpretazzjoni taghha tal-fatti probatorji u tal-kuncetti guridici li jghoddu ghal kaz, din il-Qorti hi tal-fehma konsiderata li d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti tiddifetta minn motivazzjoni kongruwa, u dan iwassalha biex tiddiskosta ruhha minnha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u b’ hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Tilqa’ invece t-talba ta’ l-attur kif dedotta fl-avviz u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma reklamata ta’ hamest elef lira (Lm5000), bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------